MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Rikors Numru. 228/2005

Jason Gatt I.D 255978 (M)

Vs

Pierre Camilleri I.D 53064 (M)

Illum 31 ta’ Ottubru, 2005

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors ta’ Jason Gatt fejn gie premess;

Illi b’ sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta’ Jannar 1997, fil-kawza fl-ismijiet premessi (Citazzjoni numru 3398/96 GCD) kopja taghha qeghdha tigi hawn annessa u mmarkata Dok A, l-esponenti gie kanonizzat kreditur ta’ l-intimat fis-somma ta' elf, seba’ mija u zewg liri Maltin u sittin centezmu (Lm 1, 702.60) oltre l-imghaxijiet fuq l-imsemmija somma u ghall-ispejjez tal-kawza

ammontanti ghal mija u tnejn u disghin liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm 198.42) kif jirrizulta mit-taxxa hawn annessa u mmarkata Dok B.

Illi in segwitu ghal tali sentenza l-esponenti inizja proceduri ghall-hrug tal-mandato opportuni.

Illi sa llum il-gurnata l-intimat ghadu ma hallas xejn mis-sorte u l-ispejjez kanonizzati mill-imsemmija sentenza, liema sentenza ilha aktar minn hames snin li giet deciza.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha ghall-finijiet u effetti ta' l-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, tawtorizzah jirrendi ezekuttiva l-imsemmija sentenza tad-9 ta' Jannar 1997 kontra l-intimat, bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta ta' llum minn fejn jirrizulta li l-intimat ammetta t-talbiet kif dedotti fir-rikors;

In vista ta' din l-ammissjoni;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti;

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------